# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 31 ta’ Jannar, 2001**

**Numru 36**

**Citaz. Nru. 744/99GV**

**Doc. Nru. 4-01**

**Louis Manduca**

**vs**

**Joseph Muscat Manduca**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-attur ppremetta illi l-awtrici tal-konvenut Frances Manduca kellha prokura minghand missierha Antonio dei Conti Manduca sabiex tidher ghan-nom tieghu u tamministra l-wirt tal-familja Manduca marbuta permezz ta’ fedekommess tad-disgha (9) ta’ Gunju, 1853; u

Premess illi b’kuntratt fl-atti tan-Nutar Peter Paul Pellegrini Petit tat-tmintax (18) ta’ Ottubru, 1950, l-awtrici tal-konvenut Frances Manduca xtrat il-fond “Bay View Cottage”, 56, Zonqor Street, Marsascala bil-flus tal-fedekommess fuq imsemmija izda l-kuntratt sar erronjament f’isimha proprju minnflok ghan-nom ta’ missierha Antonio dei Conti Manduca bhala uzufruttwarju tal-fuq imsemmi fedekommess; u

Premess illi l-attur huwa l-persuna intitolata sabiex jiret il-proprjeta' kollha marbuta bil-fedekommess fuq imsemmi inkluz il-fond "Bay View Cottage", 56, Zonqor Street, Marsascala li nxtrat bil-flus tal-istess fedekommess.

Ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-attur talab li din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara li bil-kuntratt fl-Atti tan-Nutar Peter Paul Pellegrini Petit tat-tmintax (18) ta' Ottubru, 1950 l-awtrici tal-konvenut, Frances Manduca, kienet xtrat il-fond fuq imsemmi erronjament f'isimha proprju minnflok ghan-nom ta' missierha Antonio dei Conti Manduca bhala uzufruttwarju u bil-flus ta' l-istess fedekommess;

2. tiddeciedi u tiddikjara illi l-attur wiret il-proprjeta' marbuta mal-fedekommess inkluz il-fond "Bay View Cottage" fuq imsemmi;

3. konsegwentement tordna korrezzjoni fil-kuntratt fl-Atti tan-Nutar Peter Paul Pellegrini Petit tat-tmintax (18) ta' Ottubru, 1950 fis-sens illi Frances Manduca l-awtrici tal-konvenut, kienet xtrat il-fond "Bay View Cottage" fuq imsemmi mhux f'isimha proprju izda ghan-nom ta' missierha Antonio dei Conti Manduca bhala uzufruttwarju tal-fuq imsemmi fedekommess;

4. tiddeciedi u tiddikjara li l-fond "Bay View Cottage" 56 (ossia illum numru 64), Zonqor Street, Marsascala huwa proprjeta' tal-attur.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 11 fejn eccepixxa illi:

1. Preliminarjament, ghall-azzjoni attrici josta l-gudikat in vista tas-sentenzi moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ghoxrin (20) ta' Gunju, 1983 (fil-

kawza citazzjoni numru 1002/80) u minn din l-Onorabbi Qorti fl-erbgha (4) ta' Frar, 1988 (fil-kawza citazzjoni numru 420/87 - maqtugha definitivament fit-tlieta (3) ta' Ottubru, 1988);

2. Preliminarjament ukoll u minghajr pregjudizzju ghall-premess, kull dritt li l-attur setgha qatt kellu li jimpunja l-kuntratt li ghalih hemm riferenza fit-tieni premess tac-citazzjoni hu preskritt skond kif jiddisponi l-artikolu 1224 u l-artikoli 2140 u jew 2143 tal-Kodici Civili;

3. Preliminarjament ukoll u minghajr pregjudizzju ghall-premess, l-irritwalita' tad-domandi attrici billi, fl-ipotesi suggerita mill-attur, jekk minnha, ir-rimedju mitlub ma kellu qatt ikun dik ta' mera "korrezzjoni" tal-att notarili hemm imsemmi, imma kellha l-ewwel tintalab dikjarazzjoni formali li Frances Manduca akkwistat il-fond de quo mhux in nome proprio izda bhala mandatarja ta' haddiehor u, ghab-bazi ta' dan, tintalab il-kundanna ghat-trasferiment tal-fond li l-attur jghid li hu tieghu bhala aventi kawza mil-mandanti bil-formalitajiet preskritti mil-ligi;

4. Indipendentement minn dan, fl-ipotesi suggerita mill-attur, anke jekk vera, l-azzjoni kompetenti lilu kellha tkun dik tad-danni u interessi u mhux tal-esekuzzjoni effettiva jew ahjar ta' koercizjooni specifika billi "nemo potest precise cogi ad factum";

5. Preliminarjament ukoll u minghajr pregjudizzju ghall-premess, it-talba attrici ma tistax tigi milqugha ghax hija bazata fuq premessa li tikkontradixxi dak li jallega l-istess attur fil-kawza bin-numru 1002/80;

6. Preliminarjament ukoll u minghajr pregjudizzju ghall-premess, it-talba tal-attur bazata, kif inhi, fuq il-fedekommess tal-antenati tieghu hija wkoll inattendibbli peress li l-fedekommess gie imnehhi bl-Att XII tal-1950, u minn dakinhar li din il-ligi dahlet in vigore, Antonio Manduca kellu l-libera disponibilita' tal-beni kollha tieghu u kwindi il-bazi tal-azzjoni tal-attur (li

huwa wiret il-proprjeta' kollha marbuta bil-fedekommess) hija bla bazi u irritwali.

7. Illi bla hsara ghall-premess u fil-meritu, il-pretensjoni ta' l-attur hi, fil-fatt, ghal kollox infondata u inveritiera billi Frances Manduca akkwistat il-fond f'Zonqor Street, Marsascala, in nome proprio u bi flusha.

Salv, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**TALBIET**

L-attur qed jitlob li dina l-Qorti:

1. tiddikjara li b'kuntratt tan-Nutar P.P. Pellegrini Petit tat-tmintax (18) ta' Ottubru, 1950 l-awtrici tal-konvenut, Frances Manduca, kienet xtrat il-fond Bay View Cottage, 56, Zonqor Street, Marsascala, erronjament f'isimiha proprju minflok ghan-nom ta' missierha Antonio dei Conti Manduca bhala uzufruttwarju u bil-flus ta' l-istess fedekommess;
2. tiddeciedi u tiddikjara li l-attur wiret il-proprjeta' marbuta mal-fedekommess inkluz il-fond Bay View Cottage;
3. konsegwentement tordna l-korrezzjoni fil-kuntratt fl-Atti tan-Nutar Pellegrini Petit tat-tmintax (18) ta' Ottubru, 1950 fis-sens illi Frances Manduca kienet xtrat il-fond imsemmi mhux f'isimiha proprju izda ghan-nom ta' missierha Antonio dei Conti Manduca bhala uzufruttwarju tal-fuq imsemmi fedekommess;

4. tiddeciedi u tiddikjara li l-fond Bay View Cottage, 56, Zonqor Street, Marsascala huwa proprjeta’ ta’ l-attur.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa:

1. Preliminarjament ir-res gudikata in vista tas-sentenzi App. ghoxrin ta’ Gunju, 1983 (20/6/1983) Citaz 1002/80 u PA Citaz 420/87 deciza fit-tlieta ta’ Ottubru, 1988 (3/10/88);
2. Preliminarjament kull dritt li l-attur setgha qatt kellu li jimpunja l-kuntratt li ghalih ghamel riferenza fic-citazzjoni hu preskritt skond kif jiddispondi l-artikolu 1224 u l-artikolu 2140 u/jew 2143 tal-Kodici Civili;
3. Preliminarjament ukoll l-irritwalita’ tad-domandi attrici billi, fl-ipotesi suggerita mill-attur, jekk minnha, ir-rimedju mitlub ma kellu qatt ikun dik ta’ mera “korrezzjoni” tal-att notarili, imma kellha l-ewwel tintalab dikjarazzjoni formali li Frances Manduca akkwistat il-fond de quo mhux in nome proprio izda bhala mandatarja ta’ haddiehor u ghab-bazi ta’ dan, tintalab il-kundanna ghat-trasferiment tal-fond li l-attur ighid li hu tieghu bhala aventi kawza mil-mandanti bil-formalitajiet preskritti mil-ligi.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fil-kawza **1002/80CS (fol 46) fl-ismijiet Louis Manduca vs Frances Manduca pro et noe** l-attur kien talab (1) li jizdiedu l-kliem fil-kuntratt ricevut fl-atti tan-Nutar Peter Paul Pellegrini Petit tat-tmintax (18) ta’ Ottubru, 1950, f’deskrizzjoni tal-kompratrici, u cioe’ “bhala prokuratrici generali ta’ missierha n-Nobbli Antonio Manduca” u dana biex b’hekk jigi korrett l-att imsemmi; u (2) li huwa jigi awtorizzat jokkupa din id-dar billi hu kondividend u komproprietarju u llum m’ghandux fejn joqghod u dana qabel ma tintuza jew tinghata lil haddiehor.

**B'sentenza tal-Prim Awla tad-disgha w ghoxrin (29) ta' Marzu, 1982** dika l-Qorti kienet laqghet it-tielet eccezzjoni tal-konvenuta dwar l-irritwalita' ta' l-ewwel domanda u lliberata mill-osservanza tal-gudizzju. B'sentenza tal-**ghoxrin (20) ta' Gunju 1983 il-Qorti ta' l-Appell** kienet cahdet l-appell ta' l-attur u kkonfermat is-sentenza appellata.

L-attur kien ghamel citazzjoni ohra **420/87** kontra Frances Manduca fejn talab li l-Qorti tiddikjara lill-konvenuta hatja ta' disprezz tal-ordni specifika ta' din il-Qorti lill-konvenuta anke jekk jirrizulta jew teccepixxi li ghamlet dan b'konnivenza ta' hutha billi bl-agir taghha ffrodat lill-attur, meta minflok xtrat immobbli f'isem il-vokati, xtrat f'isimiha proprju.

Tordnalha tidher fuq att pubbliku wara li jigi nominat nutar u prefiss il-hin u jum ghall-pubblikazzjoni ta' l-att sabiex tittrasferixxi lill-attur bhala maskju vokat a tenur tas-sentenza tal-hamsa (5) ta' Novembru, 1938 ta' din il-Qorti id-dar Bay View Cottage, 56, Zonqor Street, Marsascala u d-dar numru 5, St Ursula Street, Senglea.

Tiddikjara lill-konvenuta responsabbili ghad-danni….. u tikkundannha thallas is-somma hekk likwidata.

**Il-Qorti Prim Awla b'sentenza datata erbgha (4) ta' Frar, 1988** kienet laqghet l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuta u ddikjarat li l-azzjoni u t-talbiet ta' l-attur bhala preskritta.

**GUDIKAT**

Biex tirnexxi l-eccezzjoni tar-res judicata huma mehtiega tliet elementi: (1) eadem persona (l-istess partijiet) (2) eadem res (l-istess oggett) u (3) eadem causa petendenti (l-istess kawzali). Ara sentenza App. Debattista vs Farrugia Vol XL11 p 917.

"Hu pacifiku li l-gudikat johrog mid-dispositiv tas-sentenza. Hu veru li kif ghallmet din il-Qorti fis-sentenza "Farrugia Ray vs Farrugia" (tnax (12) ta' Novembru, 1919, Vol. XXIV - I - 57) biex jigi interpretat tajjeb d-dispositiv jixraq li jigi raffrontat mal-motivazzjoni, li hu wkoll parti mid-decizjoni ghad li minnha ma johrogx gudikat, kif hu wkoll veru li t-termini generici tad-dispositiv jistghu jigu ristretti mill-parti konsiderattiva tas-sentenza (Vol. XXXV - P.I. - p.149). "Il dispositivo del giudicato non deve prendersi separatamente dal motivato, ma deve da questo essere definito e spiegato" (Vincenti vs Ebejer - App. Civ. sebgha w ghoxirn (27) ta' Novembru, 1937). Hu allura mehtieg biex tigi validament sostnuta l-eccezzjoni tar-res judicata illi l-punt kontrovers tal-kawza ikun l-istess, u dana mhux biss ghaliex it-talba tkun identika imma wkoll li l-fatti li jkunu pprovokaw u li jkunu premessi ghal dik it-talba, ikunu sostanzjalment l-istess. Mhux biss allura l-causa petendi trid tkun identika, imma aktar importanti hu li tirrizulta l-eadem res. Dan ghaliex waqt li t-talba hi l-finalita' ta' l-azzjoni, huma l-premessi taghha li jiddeterminaw il-kawzali li jimmotivaw tali talba. Hu minn dawn l-kostatazzjoni ta' fatt li jemergi l-element ta' l-identita' ta' l-oggett fiz-zewg kawzi u li jrid jigi strettament sodisfatt biex tigi milqugha l-eccezzjoni tar-res judicata. Dan sal-punt li f'kaz ta' dubbju d-decizjoni tal-Qorti ghandha tkun kontra li tigi milqugha l-eccezzjoni tal-gjudikat, ghax altrimenti jigi indebitament pregudikat l-attur in kwantu jigi mcahhad milli jkollu t-talbiet tieghu definiti gjudizzjarjamant. "L-exceptio judicati ghandha bhala fundament taghha l-interess pubbliku u hija ta' interpretazzjoni strettissima, u f'kaz ta' dubju, il-gjudikant ghandu jaqta' kontra din l-eccezzjoni" (VOl. XXIX P.I, p.1155).

Fil-kaz in ezami jirrizulta:

(1) eadem persona ( l-istess partijiet)

Iz-zewg kawzi imsemmija kienu maghmula minn Louis Manduca kontra Frances Manduca, u l-kawza odjerna hija maghmula mill-istess Louis Manduca kontra Joseph Muscat Manduca li l-awtrici tieghu hija Frances Manduca.

(2) eadem causa petendenti (l-istess kawzali).

Illi fiz-zewg kawzi l-ohra u fil-kawza odjerna l-kawzali hija dejjem l-istess, cioe li Frances Manduca allegatament ghamlet kuntratt li sar f'isimha proprju meta skond l-attur kellu jkun ghan-nom ta' missierha Antonio dei Conti Manduca bhala uzufruttwarju u bil-flus ta' l-istess fedekommess;

(3) eadem res (l-istess oggett)

Illi fil-kawza tal-1983 l-attur kien talab korrezzjoni fil-kuntratt in kwistjoni u l-Qorti kienet liberat lill-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju stante li d-domanda tieghu kienet irritwali skond kif kien gie eccepiet fit-tielet eccezzjoni tal-konvenuta.

Imbaghad l-attur rega' ppropona kawza fl-1987 fejn fuq l-istess kawzali bhal dika tal-1983 ippropona azzjoni reivendikatorja. Il-Qorti kienet iddecidiet li l-azzjoni ta' l-attur kienet preskritta a bazi tal-artikolu 2143 tal-Kap. 16. Ghalhekk la darba t-talbiet ta' l-attur gew dikjarati bhala preskritti hu ma setghax jerga' jipproponi l-istess talbiet f'dina l-kawza ghax josta l-gudikat. Kull kwistjonijiet li l-attur seta iqajjem fil-kawzi l-ohra, inkluza l-preskrizzjoni li diga giet deciza, ma jistghux jergu jitqajjmu issa.

Fil-kawza prezenti t-talba tal-attur hija bazata fuq l-istess kawzali u sostanzjalment it-talbiet huma l-istess. Hu qed jitlob korrezzjoni fil-kuntratt u li l-post jigi dikjarat bhala proprjeta' tieghu, liema talbiet huma, tista' tghid, identici. Il-punt kontrovers tal-kawza hu l-istess, u dana mhux biss ghaliex it-

talbiet huma l-istess imma wkoll ghaliex il-fatti li pprovokaw dawk it-talbiet, huma sostanzjalment l-istess.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi prevja li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut dwar il-gudikat; tichad it-talba attrici; bl-ispejjez kontra l-attur.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**